# STORJA TAL-BANED KARKARIŻI

## Jikteb Joe Zammit

*(Ikompli mal-Ħarġa Nru. 7 tal-fuljett Ġunju/Awissu*

Fl-ewwel artiklu tagħna fuq l-Istorja tal-Baned Karkariżi konna semmejna ħafna lis-Surmast Tommaso Galea u llum se nerġgħu nibdew bih.

**1893** – F'din is-sena kien miet is-Surmast Tommaso Galea, li kien tant imsemmi f'dawk iż-żminijiet, tant li l-gzzetta "Il Risorgimento", meta miet, kienet irrapportat hekk "Come Direttore di diversi Società Filarmoniche e infine come compositore di musica ballabile e di sinfonie, egli era molto apprezzato dagli intelligente.

Is-Surmast Galea li hemm triq imsemmija għalih fl-inħawi ta' Paris, beda l-karriera tiegħu fir-Riġment Malti "Royal Malta Fencible Artillery" u dam membru ta' din il-Banda 40 sena, meta spiċċa minn dan ir-Riġment fil-grad ta' Surġent. Kien ukoll Professur tal-Flawt, direttur ta' bosta baned u Maestro di cappella. Huwa kien Direttur tal-Banda Alleanza ta' Birkirkara u tal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal-Luqa. Kien jidderieġi l-mużika fil-Parroċċa tagħna nhar il-Festa tal-Madonna tad-Dutrina. Huwa kien ikkompona l-Innu ta' Santa Liena li kien jindaqq mill-Filarmonika Alleanza ta' Birkirkara; il-kliem għal dan l-innu kien miktub mill-Professur Karkariż Dun Ġwann Bugeja S.Th.D.

Is-Surmast Galea miet fid-dar tiegħu f'Birkirkara fil-11 ta' Ġunju 1893. Il-gazzetta "Il-Verità" tas-Sibt 24 ta' Ġunju 1893 ġabet dan l-avviż "Is-Soċi tal-banda Alleanza" ta' Birkirkara jirringrazzjaw lil dawk is-sinjuri kollha li ħadu sehem fl-akkompanjament funebri tal-mejjet Tommaso Galea, li kien il-maħbub Surmast u Direttur ta' din il-Banda.
Risorgimento.
W. Zammit.
Il-Verità.

**1893** – Fil-festi Nazzjonali ta' din is-sena, 1893, li kienu jsiru nhar it-tmienja ta' Settembru, l-Banda Alleanza ta' Birkirkara daqqet programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta. Dan kien irrapurtat fil-gazzetta 'Il-Verita' tas-Sibt 15 ta' Lulju 1893.

**1897** – Fil-gazzetta 'Il-Poplu' tat-18 ta' Ġunju 1897 insibu rrappurtat dan li ġej. Fil-festi li saru tal-Ġublew tar-Reġina Vittorja fost il-baned ta' Malta li ħadu sehem fil-Belt Valletta kienu ħadu sehem il-Baned Karkariżi "L'Alleanza" u "La Stella".

**1897** – Skond il-gazzetta "Il-Gazzetta tal-Poplu" ta' l-4 ta' Settembru 1897 isemmi ġrajja importanti. Fil-festa ta' Santa Liena il-marċ ta' lejliet il-festa li sar mill-Banda "La Stella" ta' Birkirkara, kien beda fil-Pater Noster bi briju kbir u sparar (Nispera li ma kienx qabel it-3.30 a.m. għax jien li għadni m'għalaqtx il-50 niftakru jdoqq f'dan il-ħin).

Wara nofs inhar eżatt, wara li ġiet sparata musketterija beda marċ ieħor fejn il-bandisti ġew ittrattati għand ħafna sinjuri bix-xorb u l-fjuri. Fil-għaxija reġgħet daqqet marċ ieħor u żied l-għajat u l-ferħ tal-poplu. Għal din iċ-ċirkustanza ġie

miktub innu marċ mis-Surmast Gavinu Camilleri li bil-kant tat-tfal kompla kabbar il-briju tal-festa, wara ġie esegwit programm sabiħ. Wara li indaqqet l-ewwel biċċa tal-programm is-Segretarju ta' l-istess banda ippreżenta bakketta tal-fidda lis-Surmast Gavinu Camilleri għan-nom tal-bandisti.

Il-purċissjoni kienet saret fil-għodu kif minn dejjem kienet it-tradizzjoni u kienet irnexxiet ħafna. Fil-għaxija ma kienx hemm baned għax il-Banda l-oħra tar-raħal l-'Alleanza' ma ħaditx sehem fil-festi billi ħadu sehem l-oħrajn.

"Il-Gazzetta tal-Poplu" spiċċat l-artiklu tagħha b'din il-mistoqsija "Forsi mhux it-tnejn baned tar-raħal?"

Mela s'issa ltqajna mal-Baned Alleanza, Mannarinu, La Stella u Sant'Elena is-surmastrijiet Tommaso Galea, Gavinu Camilleri u Ant. Micallef.

**1899** – Fil-gazzetta "Malta tagħna" 14 ta' Jannar 1899 jidher li kienet twaqqfet Banda ġdida f'Birkirkara l-Banda Sant Elena (mhux dik tal-lum). F'artiklu li kien inkiteb jgħati prosit lill-brava Banda, taħt l-abbli direzzjoni tas-Sur Antonio Micallef prim trumbun mal-Banda "Price of Wales", jagħti prosit ukoll lill-bandist li għarfu jsegwu b'tant kapaċità bċejjeċ mill-mużika tas-Surmast Tommaso Galea, l-artiklu jkompli jgħid li l-bandisti kienu għadhom kollha prinċipjanti, jiġifieri għadhom kemm bdew idoqqu.

CHRIS LYNN
FASHION HOUSE
161, Main Street, Birkirkara Tel: 442195
*Ladies, Gents', Children & Babies Underwear and Presents*
*Stockings, Socks, Dresses, Jerseys, Rain Coats, Pyjamas,*
*Handbags, Boots and Shoes.*

For all your printing requirements
PERESSO
Printing Press
Letterpress & Offset Printers
171, Merchants Street, Valletta.
Tel: 605981, 626725